TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2025**

**Talba Nru: CCT1/25/DS**

**Christine Marie Galea**

**Vs**

**Roderick Bezzina eżerċenti l-kummerċ bħala RB Screed Projects**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Diċembru, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata l-ammont ta' erbat elef tminn mija u sebgħa u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4847.66) f'danni inkorsi sabiex jiġi rranġat xogħol illi sar mis-soċjeta' intimata li l-attriċi tinsisti illi ma sarx kif miftihem, mhux skont is-sengħa u l-arti u sussegwentment irrifjutat l-opportunita' li tirrimedja id-danni sofferti;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi eventwalment is-soċjeta' intimata ingħatat iċ-ċans illi tippreżenta risposta stante illi instab illi kien hemm ġustifikazzjoni għall-kontumaċja tal-istess soċjeta';

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pożizzjoni tagħhom;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħha u xhieda prodotti minnha.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-attriċi flimkien ma Emanuel Vella kienu bagħtu messaġġ lill-intimat fejn spjegawlu illi "*ġewwa l-appartament ser [j]installaw parquet flooring u li għalhekk kell[hom] bżonn li l-art tiġi preparata tajjeb għall-installazzjoni ta' din it-tip ta' art*". (Affidavit tal-attriċi)

Huma għamlu referenza għall-fatt illi dak li kien ser jiġi installat kien '*parquet flooring*' u din ir-referenza baqgħu konsistenti magħha. Fil-fatt anka f'Dok 2 mal-affidavit tal-attriċi hija tgħid "*ħabba li jrid jeħel il-parquet dirett fuqu*".

L-intimat jgħid illi b'dak illi ntqal lilu u cioe "*parquet flooring*" huwa fehem *parquet tiles* u mhux *laminate flooring* u cioe dak li fil-fatt kellu jiġi installat, infatti irrefera kemm -il darba għal *"20mm allowance għall-kolla u maduma...8mm maduma u 12mm kollha fejn jilgħab"*(Dok 2 mal-affidavit tal-attiriċi). L-attriċi pero' ma hijiex daqshekk konvinta illi huwa ma kienx jaf illi huma talbu xogħol preparatorju għal-*laminate flooring*, infatti tirreferi għal ritratt illi huwa poġġa fuq Facebook fejn huwa kiteb "*real wood parquet*" b'referenza għax-xogħol li kien sar fuq is-sit tal-attriċi.

It-Tribunal qiegħed jagħti mportanza lil dan l-aspett għaliex huwa mportanti li wieħed jara x'kien dak li kkuntrattaw eżattament il-partijiet biex wieħed jifhem jekk ix-xogħol sarx kif pattwit o meno.

It-Tribunal analizza bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiemu miż-żewġ partijiet u ma jinsabx moralment konvint illi bil-kliem "*parquet flooring*" l-intimat jifhem "*parquet tiles*" u mhux "*laminate flooring*" u dan għaliex meta huwa stess poġġa ritratt fuq Facebook tal-*laminate flooring* tal-attriċi huwa għamel deskrizzjoni li taqra "*real wood parquet*" (Dok 4 mal-affidavit attriċi). Kien huwa wkoll illi f'messaġġ kiteb lill-attriċi *"...as I explained there are different types of parquet, and that is laminate flooring."*(Dok 10 mal-affidavit attriċi) u għaldaqstant kien ben konsapevoli meta originarjament intbagħtlu l-messaġġ mill-attriċi biex isir ix-xogħol preparatorju għall-*parquet flooring* illi dan seta' kien "*laminate flooring*". Huwa importanti wkoll illi wieħed jinnota illi għalkemm l-intimat jgħid illi huwa lesta l-art bil-mod kif lestiha għaliex ma kienx jaf li bit-terminu "*parquet flooring*" l'attriċi riedet tfisser "*art tal-injam u mhux art taċ-ċeramika*." (Punt 11 fl-affidavit ta' Emanuel Vella) meta għamel il-Facebook post (Dok 4 mal-affidavit attriċi) fejn kien indika l-art tal-

injam, kien propju qiegħed juri ix-xogħol illi sar fil-fond tal-attriċi w'għaldaqstant għalkemm jgħid illi huwa lesta l-art bil-mod kif lestiha għaliex ħaseb illi l-art kienet ser tkun taċ-ċeramika dan mhux korroborat min evidenza misjuba fl-atti. Bil-kliem tiegħu stess, fuq is-sit tiegħu stess illi jgħid "*Clients chose real wood parquet so we scrubbed the slab to flatten precisely any imperfections*" (Dok 4 mal-affidavit attriċi) l-intimat wera biċ-ċar illi anki meta l-art jaf li ser tkun preparata għal *real wood parquet,* huwa jkun ser jagħmilha bil-mod kif fil-fatt għamilha.

It-Tribunal jinnota fil-fatt illi ma jkun jagħmel l-ebda sens kieku wieħed jillixxja l-imperfezzjonijiet meta fuq l-istess art ikun ser ipoggi madum *seconds* li fuqu jitqiegħed il-parquet tal-injam, kif kien qiegħed jgħid illi solitament isir f'dawn iċ-ċirkustanzi.

**Ikkunsidra wkoll**

Illi fi tweġiba tiegħu in kontro eżami l-intimat jgħid is-segwenti: "*Nghid li li kieku kont naf mill-bidu t-tip eżatt ta' flooring li kien se jintuża, kont nghidilhom li dik mhux il-proċedura li kellha tintuża*." Dan ifisser illi fi kliemu stess l-intimat jgħid illi ix-xogħol kif sar ma kienx xogħol idoneu għall-art li kienet *laminate flooring* u għaldaqstant meta dan it-Tribunal huwa konvint illi l-intimat kien konsapevoli jew missu kien konsapevoli illi l-art li kellha ssir kienet fil-fatt *laminate flooring* (kif spjegat aktar il-fuq), l-intimat għamel xogħol illi b'ammissjoni tiegħu stess, ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Huwa minnu illi l-intimat prova b'kull mezz ibenġilha illi kienet l-attriċi li ma spjegatx ruħha sew pero' dan it-Tribunal huwa konvint mod ieħor, hekk kif spjegat fid-dettall f'din is-sentenza.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għad-danni materjali għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erbat elef tminn mija u sebgħa u

erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4847.66) lill-attriċi f'danni materjali għar-raġunijiet mgħotija aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**